Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 207/2016

**Licari Estates Limited**

**Vs**

**Fenech Properties Limited**

25 ta' Jannar, 2019.

1. L-attrici harrket lis-socjeta konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet ghas-somma ta' €3,519.02, bilanc ta' cens fuq diversi plots f'Marsaxlokk ghall-perjodu bejn it-3 ta' Marzu 2010 u 2 ta' Marzu, 2015.

2. L-eccezzjonijiet li tat il-konvenuta kienu jinkludu li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2156(a) fir-rigward tal-perjodu bejn it-3 ta' Marzu, 2010 u 2 ta' Marzu, 2011. B'nota prezentata fit-12 ta' Mejju, 2017 il-konvenuta tat l-istess eccezzjoni fir-rigward tal-perjodu bejn it-3 ta' Marzu, 2011 u 2 ta' Marzu, 2012.

3. Fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2018 id-difensur tal-attrici ddikjara (fol. 79):

*"Dr Massimo Vella iddikjara seduta stante illi l-ammont mitlub qed jigi ridott b'tali mod li l-ammont mitlub issa jammonta ghal €1,423.16 liema ammont jirreferi ghall-iskadenzi li jinsabu ndikat kemm fir-risposta u kif ukoll fir-risposta ulterjuri tas-socjeta intimata".*

4. B'sentenza tal-24 ta' April, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar laqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

5. B'rikors prezentat fl-14 ta' Mejju, 2018 appellat mis-sentenza u lmentat li bit-tieni eccezzjoni kienet inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Eccezzjoni li taqra:

*"…. billi l-attur qieghed jagixxi biex jirkupra bilanc allegatament dovut ghall-skadenzi tac-cens gravanti diversi plots, irid igib il-prova tal-bilanc in kwistjoni billi **jaghti rendikont ta' kull ma ngabar fuq kull plot u jghid liema cnus infdew u/jew ser jinfdew**".*

6. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar qal:

*"3..... Huwa car li tali eccezzjoni tressqet fil-kuntest tal-fatt li s-socjeta konvenuta kienet qed tikkontendi li* ***t-talba attrici hija kollha kemm hi infondata fil-fatt u fid-dritt*** *kif jirrizulta car mill-kliem uzat ftit qabel mis-socjeta konvenuta fl-istess risposta taghha u n-nuqqas ta' provi da parti tas-socjeta attrici kien qed jigi kkunsidrat bhala raguni li ghaliha t-talba ghandha tigi kkunsidrata nfondata fil-fatt u fid-dritt. Id-difiza mressqa fit-tieni lok ma tistax tigi interpretata jekk mhux fid-dawl tal-fatt li din tressqet a sostenn tal-eccezzjoni li t-talba hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u kwindi kontestata fl-intier taghha. Dan ifisser illi mhux minnu li s-socjeta konvenuta kienet qed tikkontesta biss parti mill-ammont jew lesta li thallas l-ammont kemm-il darba jirrizulta xi ammont dovut mir-rendikont imma, bil-kontra ta' dan, tinsab tikkontendi li m'ghandhiex thallas ebda parti mill-ammont mitlub kemm in vista tal-preskrizzjoni kwinkwennali u kif ukoll ghaliex* ***is-socjeta konvenuta trid tissodisfa l-oneru tal-prova imqieghed fuqha fir-rigward tad-debitu shih minnha rikjest****, avut rigward ghall-iskadenzi tac-cens, il-plots relattivi u fidi tal-istess cnus.* ***Dak li qed tikkontendi s-socjeta konvenuta huwa li, fin-nuqqas ta' tali provi, it-talba attrici ma tistax tirnexxi u ghandha tigi interament kkunsidrata infondata fil-fatt u fid-dritt u mhux b'xi mod in parte dovuta****.*

*4. Aktar minn hekk, skont l-argumentazzjoni tas-socjeta attrici, presokke' kull eccezzjoni imressqa tista' twassal ghar-rikonjizzjoni tad-dejn u dana ghaliex jekk wiehed jargumenta 'a contrario sensu' ghal tali eccezzjonijiet ikun ifisser li l-konvenut fil-kawza ikun qieghed altrimenti jirrikonoxxi d-dejn (ez fejn, bhal fil-kazijiet hawn fuq citati tigi kkontestata r-responsabbilta ghal xi akkadut dannuz). Madankollu dan m'huwiex dak li tehtieg il-ligi sabiex l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi pregudikata. L-ezercizzju rikjest huwa jekk, tramite l-eccezzjonijiet mressqin, il-konvenut ikun irrikonoxxa d-dejn u b'hekk tilef id-dritt li jecepixxi validament ukoll il-preskrizzjoni u mhux jekk, f'kaz li tali eccezzjoni ma tirnexxi, igibx li l-konvenut ikun irrikonoxxa d-dejn. Huwa car li d-difiza tal-konvenuti f'kawza hija cirkoskritta ghad-difiza mressqa tramite l-eccezzjonijiet taghhom u ma jistax jigi validament argumentat li hemm rikonoxximent tad-dejn ghaliex, apparti tali eccezzjonijiet, il-konvenut ma jkunx qed jikkontesta t-talba ulterjorment.* ***F'dan il-kaz it-talba kienet ikkontestata bhala insostenibbli ghaliex jispetta lill-attrici tressaq provi sufficjenti a sostenn tat-talba taghha (l-allegat bilanc dovut) u, fin-nuqqas ta' tali provi, t-talba kollha (ghall-bilanc shih mitlub) ghandha tigi michuda. Dan ma jfissirx li b'daqshekk is-socjeta konvenuta kienet qed tirrikonoxxi d-dejn allegat mis-socjeta attrici fir-rigward tal-iskadenzi kolpiti mill-preskrizzjoni jew altrimenti kienet qed tikkontesta biss xi parti mill-ammont mitlub fir-rigward ta' tali skadenzi. Huwa car li l-kontestazzjoni kienet tirrigwarda l-allegat dejn kollu fin-nuqqas ta' provi a sostenn tal-istess****".*

7. Fl-affidavit id-direttur tal-kumpannija konvenuta xehed li m'hijiex debitrici *"fl-ammont dwar liema eccepiet il-preskrizzjoni u cioe' ghal dak ic-cens mitlub minn Licari relattiv ghaz-zmien ta' bejn it-3 ta' Marzu 2010 u t-2 ta' Marzu 2012"*. Subinciz (3) tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*"il-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din* ***trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur****".*

Kien ikun interessanti li jigi mistharreg jekk din id-disposizzjoni ghandhiex tigi interpretata huwiex bizzejjed li d-debitur ighid li jqies li m'huwiex debitur

minhabba l-preskrizzjoni jew iridx jaghti raguni fil-meritu. Pero' dak m'huwiex l-aggravju li tat il-kumpannija attrici.

8. Fis-sentenza **Austin Psaila vs Lother Slabick** tad-9 ta' Frar, 2005 din il-qorti qalet:

*"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f' denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

*Jinsab precizat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocita`, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu.*

*L-accertament ta' l-ezistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eccepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt rizervat ghall-apprezzament tat-tribunal adit".*

9. Hi l-fehma ta' din il-qorti li billi l-konvenuta sostniet li l-attrici kellha ggib il-prova tal-bilanc li talbet il-hlas tieghu, li meta pprezentat it-twegiba kienet ta' €3,519.02 u li fl-avviz tat-talba li pprezentat l-attrici kien dikjarat li hu '*bilanc dovut ghal skadenzi tac-cens gravanti diversi plots fl-Ghalqa tal-Ibwar, Marsaxlokk ghall-perjodu bejn 3 ta' Marzu 2010 u 2 ta' Marzu 2015*', ma jfissirx li b'daqshekk il-konvenuta hadet il-posizzjoni li hi debitrici tal-konvenuta. Il-qorti fehmet dik l-eccezzjoni bhala li fil-meritu sabiex l-attrici tirnexxi fit-talba jkollha taghti prova tal-hlas li qeghda tippretendi, u dan billi ggib prova dwar cnus li thallsu u dawk li nfdew jew kienu ser jinfdew. Bhat-Tribunal il-qorti tifhem li l-konvenuta kienet qeghda tikkontesta li kien dovut xi hlas u mhux li hi debitrici. Tant hu hekk li fl-ewwel paragrafu tat-twegiba ddikjarat li, "*... qiegħda* ***tikkontesta t-talbiet attrici bhala***

***kompletatament* infondati fil-fatt u fid-dritt b'mod** *partikolari ghas-segwenti ragunijiet .....".* Kliem li zgur ma jaghtux wiehed x'jifhem li l-konvenuta kienet qeghda tirrikonoxxi/tammetti li hi debitrici tal-attrici jew tirrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Kien ikun differenti jekk per ezempju l-konvenuta kienet qeghda tikkontesta l-*quantum* tal-ammont li kellha thallas. Ghaldaqstant, il-qorti ma taqbilx mal-konvenuta li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi inkompatibbli mat-tieni eccezzjoni u tikkonkludi li fir-rikors tal-appell ma nghatawx ragunijiet li jwasslu biex ma taqbilx mar-ragunament tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.